IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.4.2020
COM(2020) 170 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 2
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2020

Li jipprovdi appoġġ ta' emerġenza lill-Istati Membri u tisħiħ ulterjuri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU bħala rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1/20[3], adottat fis-27 ta' Marzu 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2020.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 COM(2020) 145, 27.3.2020.

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. L-GĦOTI TA' APPOĠĠ TA' EMERĠENZA LILL-ISTATI MEMBRI PERMEZZ TAR-RIATTIVAZZJONI TAL-ISTRUMENT GĦALL-APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FI ĦDAN L-UNJONI 3

2.1. KUNTEST 3

2.2. AZZJONIJIET LI SE JIĠU FFINANZJATI PERMEZZ TAL-IAE 3

3. IT-TISĦIĦ ULTERJURI TAL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (FI ĦDAN L-UNJONI) 5

4. FINANZJAMENT 5

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 7

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2 għas-sena 2020 huwa li jipprovdi EUR 3 000,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1 530,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-intestatura 3 *Sigurtà u Ċittadinanza* biex jiġi ffinanzjat l-għoti tal-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni tramite l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, li r-riattivazzjoni tiegħu qed tiġi proposta biex jgħin fil-ġlieda kontra l-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex isaħħaħ iktar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU biex ikunu possibbli kumulazzjoni iktar estensiva u koordinazzjoni tad-distribuzzjoni tar-riżorsi essenzjali fl-Ewropa[4].

2. L-GĦOTI TA' APPOĠĠ TA' EMERĠENZA LILL-ISTATI MEMBRI PERMEZZ TAR-RIATTIVAZZJONI TAL-ISTRUMENT GĦALL-APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FI ĦDAN L-UNJONI

2.1. Kuntest

B'kunsiderazzjoni tal-gravità tal-kriżi li ssegwi t-tifqigħa tal-COVID-19 kif ukoll tal-portata u tan-natura tal-eżiġenzi li jirrikjedu appoġġ mill-baġit tal-UE fil-futur immedjat, il-Kummissjoni, b'mod parallel għal dan l-ABE, tipproponi li l-Kunsill jirriattiva u jemenda r-Regolament (UE) 2016/369 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni[5] biex l-UE jkollha sett ikbar ta' għodod adegwati għall-firxa kbira tal-pandemija attwali tal-COVID-19.

L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (IAE) inħoloq f'Marzu 2016 u ġie attivat għal perjodu ta' tliet snin biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' emerġenza li nħolqot wara l-influss massiv ta' refuġjati fil-Greċja. Huwa kien imfassal bħala għodda ta' skop ġenerali biex tiġġieled il-kriżijiet fl-UE u tintervjeni biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji. Huwa jista' jiġi mobilizzat biex jindirizza **kull kriżi li teħtieġ għajnuna umanitarja** u jkopri ambitu wiesa' ta' azzjonijiet eliġibbli: "*L-appoġġ ta' emerġenza [...] jista' jinkludi kwalunkwe azzjoni ta' għajnuna umanitarja [...] u konsegwentement jista' jinkludi assistenza, sokkors u, fejn meħtieġ, operazzjonijiet ta' protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f'diżastri jew immedjatament warajhom*"[6].

Il-miżuri previsti fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU), tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili, tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus għall-invokazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u strumenti oħra tal-Unjoni qed jikkontribwixxu biex parzjalment jindirizzaw l-emerġenza tas-saħħa pubblika; madankollu, fid-dawl tal-iskala u tal-ambitu tal-isfida jeħtieġ li l-konsegwenzi umanitarji tat-tifqigħa relatati mas-saħħa pubblika fl-Unjoni jiġu indirizzati b'mod effettiv. L-appoġġ ta' emerġenza mogħti permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza jippromwovi l-komplimentarjetà u l-koerenza mal-miżuri tal-Istati Membri affettwati, kif ukoll sinerġiji mal-proġetti ffinanzjati fil-livell tal-UE fil-qafas ta' fondi u strumenti oħra.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa propost li jiġi attivat l-appoġġ fil-qafas tar-Regolament ta' Appoġġ ta' Emerġenza (Regolament (UE) 2016/369) u li l-istrument relatat jingħata l-approprjazzjonijiet meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Dan se jippermetti lill-Unjoni tadotta miżuri li jipprevjenu u jimmitigaw konsegwenzi severi f'wieħed jew iktar Stati Membri u tindirizza b'mod ikkoordinat il-ħtiġijiet relatati mad-diżastru tal-COVID-19, billi tikkomplementa l-assistenza mogħtija fil-qafas ta' strumenti oħra tal-UE.

2.2. Azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati permezz tal-IAE

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u n-natura serja tal-kriżi marbuta mat-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni tipproponi li tipprovdi lill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza EUR 2 700,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1 380,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

---

4 Apparti t-tisħiħ (EUR 80,0 miljun, li EUR 10,0 miljun minnhom ġew skjerati mill-ġdid fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili) inkluż fl-ABE Nru 1/2020 (COM (2020) 145, 27.3.2020).

5 COM(2020) 175, 2.4.2020.

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369, l-Artikolu 3(2).

L-appoġġ jista' jintuża biex jiffinanzja, fost l-oħrajn, l-azzjonijiet li ġejjin:

– kumulazzjoni iktar estensiva u rapida u l-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni ta' riżorsi essenzjali fl-Ewropa;

– l-issodisfar tal-ħtiġijiet tat-trasport għal tagħmir protettiv li se jiġi importat mis-sħab internazzjonali kif ukoll it-trasport fl-UE kollha;

– it-trasportazzjoni ta' pazjenti fil-bżonn lejn sptarijiet transfruntiera li jistgħu jipprovdu postijiet liberi;

– kooperazzjoni transfruntiera biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa fir-reġjuni tal-UE milquta l-iktar;

– l-akkwist permezz ta' proċeduri ċentralizzati u distribuzzjoni lill-isptarijiet ta' provvisti mediċi essenzjali u tagħmir protettiv li jrid jiġi pprovdut b'mod urġenti lill-persunal tal-isptar, bħar-respiratorji, ventilaturi, tagħmir protettiv personali, maskri użabbli mill-ġdid, mediċini, terapiji u provvisti tal-laboratorju kif ukoll diżinfettanti;

– iż-żieda u konverżjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-intrapriżi tal-UE biex jiġu żgurati produzzjoni u distribuzzjoni rapida tat-tagħmir u tal-materjal meħtieġ biex jiġi indirizzat b'mod urġenti n-nuqqas fil-provvista ta' prodotti essenzjali u mediċini;

– it-tisħiħ tal-faċilitajiet u tar-riżorsi tal-kura, inkluż sptarijiet fuq il-post temporanji u semipermanenti u appoġġ għall-faċilitajiet konvertiti mill-ġdid;

– żieda tal-produzzjoni ta' kits tal-ittestjar u l-għoti ta' appoġġ għall-akkwist tas-sustanzi bażiċi ewlenin;

– il-promozzjoni tal-iżvilupp rapidu ta' medikazzjoni u ta' metodi tal-ittestjar;

– l-iżvilupp, l-akkwist u d-distribuzzjoni ta' provvisti għall-ittestjar (kits tal-ittestjar, reaġenti, hardware).

Il-Kummissjoni se tiżgura koordinazzjoni sħiħa sabiex l-azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas tal-IAE jikkomplementaw strumenti oħra eżistenti bħar-rescEU jew il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) f'ċerti oqsma (pereżempju fil-faċilitajiet ta' akkoljenza għall-migranti). Ir-realizzazzjoni tal-azzjonijiet se tkun adegwata għall-andament tat-tifqigħa u se tiġi kkoordinata ma' miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-impatt.

EUR

Linja baġitarja	**Isem**	**Approprjazzjoni jiet ta' impenn**	**Approprjazzjoni jiet ta' pagament**
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
18 01 04 05	Nefqa ta' appoġġ għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni	54 000 000	54 000 000
18 07 01	Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni	2 646 000 000	1 326 000 000
Total		**2 700 000 000**	**1 380 000 000**

3. IT-TISĦIĦ ULTERJURI TAL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (FI ĦDAN L-UNJONI)

Bħala parti mir-rispons tal-UE għat-tifqigħa tal-COVID-19, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Minbarra l-akkwist konġunt u bħala xibka oħra ta' sikurezza, il-Kummissjoni adottat Att ta' Implimentazzjoni ġdid fil-qafas tar-rescEU/tal-UPCM biex **tappoġġja lill-Istati Membri fl-akkwist ta' xi tagħmir meħtieġ** (inklużi terapiji, tagħmir mediku, tagħmir protettiv personali, provvisti tal-laboratorju), ħalli jiżdied il-volum u jiġi kkomplementat u estiż l-ambitu tal-oġġetti ta' prijorità mixtrija permezz tal-akkwist konġunt. L-għotja diretta tar-rescEU se tipprovdi finanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-UE, li jinkludi finanzjament sħiħ għall-iżvilupp ta' dawn il-kapaċitajiet u finanzjament sħiħ tad-distribuzzjoni. It-tagħmir mixtri se jkun ospitat minn Stat Membru wieħed jew iktar, filwaqt li t-teħid tad-deċiżjonijiet huwa organizzat fil-livell tal-UE, għall-forniment ta' oġġetti ta' emerġenza lil hinn mill-istokkijiet nazzjonali. Dan se jkun disponibbli għall-Istati Membri kollha u se jintuża f'każ ta' kapaċità nazzjonali insuffiċjenti.

Kif imħabbar fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1/2020[7], il-Kummissjoni qassmet mill-ġdid EUR 10,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn ipprovduti mill-baġit attwali tal-2020 tal-UCPM/rescEU (prevenzjoni u tħejjija fi ħdan l-Unjoni) biex tappoġġja l-finanzjament tal-kontromiżuri u tat-tagħmir mediku tal-COVID-19 u pproponiet tisħiħ ta' EUR 70,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 40,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Fid-dawl tal-iżvilupp rapidu tal-kriżi u l-ħtiġijiet assoċjati fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jkomplu jissaħħu l-attivitajiet ta' kumulazzjoni tal-istokks tagħna. Ir-rescEU jista' jikkontribwixxi għal kumulazzjoni iktar estensiva, il-koordinazzjoni u d-distribuzzjoni ta' provvisti mediċi essenzjali li hemm domanda għolja għalihom lill-isptarijiet, inkluż tagħmir protettiv għall-persunal tal-isptar (maskri, gogils, overalls, nanomaterjali għall-użu mediku, diżinfettanti), ventilaturi (ventilaturi invażivi kif ukoll mhux invażivi) meħtieġa għal rispons effettiv. L-istokkijiet għandhom jintużaw biex f'temp qasir jintbagħat it-tagħmir mediku meħtieġ b'mod suċċessiv lill-Istati Membri u lir-reġjuni li qed jirreġistraw qċaċet fl-infezzjonijiet, billi jsir użu effiċjenti u effettiv tat-tagħmir li jista' jintuża mill-ġdid fejn ikun l-aktar meħtieġ.

Għaldaqstant huwa propost tisħiħ ulterjuri ta' EUR 300,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 150,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

It-tisħiħ tar-rescEU u r-riattivazzjoni tal-IAE se jkunu komplementari u se jiżguraw il-provvista l-iktar effiċjenti tat-tagħmir mediku meħtieġ.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
23 03 01 01	Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom fl-Unjoni	300 000 000	150 000 000
Total		**300 000 000**	**150 000 000**

4. FINANZJAMENT

Minħabba n-nuqqas ta' marġinijiet u spazju ta' manuvra għall-assenjament mill-ġdid fil-qafas tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-Kummissjoni tipproponi li jiġu mobilizzati l-istrumenti speċjali li ġejjin għal ammont totali ta' EUR 3 000,0 miljun:

- Il-Marġini Globali għal Impenji li jifdal għal ammont ta' EUR 2 042,4 miljun[8]. B'mod parallel għal dan il-Baġit Emendatorju qed tiġi proposta emenda tar-Regolament dwar il-QFP li tneħħi l-limitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument[9];
- L-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 243,0 miljun[10]; u

7 COM(2020) 145 final, 27.3.2020.

8 Dan l-ammont iqis il-marġini li jifdal tal-2019 (EUR 1 316,9-il miljun) magħmul disponibbli għall-2020 fl-"aġġustament tekniku fir-rigward tal-istrumenti speċjali" COM(2020) 173, 2.4.2020.

9 COM(2020) 174, 2.4.2020. Jenħtieġ li din l-emenda tar-Regolament Nru 1311/2013 tidħol fis-seħħ mhux aktar tard mill-istess jum tal-adozzjoni finali ta' dan l-ABE.

10 COM(2020) 171, 2.4.2020.

- Il-marġini ta' kontinġenza għall-bilanċ (EUR 714,6-il miljun) bi tpaċija korrispondenti mill-marġini disponibbli fl-2020 taħt l-intestatura 5 *Amministrazzjoni*[11].

[11] COM(2020) 172, 2.4.2020.

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

Intestatura	Baġit 2020 (inkl. ABE 1/2020)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2/2020		Baġit 2020 (inkl. ABE 1-2/2020)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklussiv	**83 930 597 837**	**72 353 828 442**			**83 930 597 837**	**72 353 828 442**
Limitu massimu	*83 661 000 000*				*83 661 000 000*	
Marġini						
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi	25 284 773 982	22 308 071 592			25 284 773 982	22 308 071 592
Li minnhom taħt il-marġini globali għal impenji	*93 773 982*				*93 773 982*	
Limitu massimu	*25 191 000 000*				*25 191 000 000*	
Marġini						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	58 645 823 855	50 045 756 850			58 645 823 855	50 045 756 850
Li minnhom taħt il-marġini globali għal impenji	175 823 855				*175 823 855*	
Limitu massimu	*58 470 000 000*				*58 470 000 000*	
Marġini						
2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	**59 907 021 051**	**57 904 492 439**			**59 907 021 051**	**57 904 492 439**
Limitu massimu	*60 421 000 000*				*60 421 000 000*	
Marġini	*513 978 949*				*513 978 949*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 410 105 687	43 380 031 798			43 410 105 687	43 380 031 798
Sottolimitu	*43 888 000 000*				*43 888 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament esklużа mill-kalkolu tal-marġini	*888 000*				*888 000*	
Marġini tal-FAEG	*477 006 313*				*477 006 313*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**4 152 374 489**	**3 748 527 141**	**3 000 000 000**	**1 530 000 000**	**7 152 374 489**	**5 278 527 141**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*851 374 489*		*243 039 699*		*1 094 414 188*	
Li minnhom taħt il-marġini globali għal impenji	350 000 000		*2 042 402 163*		*2 392 402 163*	
Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza			*714 558 138*		*714 558 138*	
Limitu massimu	*2 951 000 000*				*2 951 000 000*	
Marġini						
4. Ewropa Globali	**10 406 572 239**	**8 944 061 191**			**10 406 572 239**	**8 944 061 191**
Limitu massimu	*10 510 000 000*				*10 510 000 000*	
Marġini	*103 427 761*				*103 427 761*	
5. Amministrazzjoni	**10 271 193 494**	**10 274 196 704**			**10 271 193 494**	**10 274 196 704**
Limitu massimu	*11 254 000 000*				*11 254 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġini ta' Kontinġenza	*- 252 000 000*		*- 714 558 138*		*- 966 558 138*	
Marġini	*730 806 506*				*16 248 368*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 955 303 132	7 958 306 342			7 955 303 132	7 958 306 342
Sottolimitu	*9 071 000 000*				*9 071 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġini ta' Kontinġenza	*- 252 000 000*		*- 714 558 138*		*- 966 558 138*	
Marġini	*863 696 868*				*149 138 730*	
Total	**168 667 759 110**	**153 225 105 917**	**3 000 000 000**	**1 530 000 000**	**171 667 759 110**	**154 755 105 917**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***851 374 489***	***893 079 197***	***243 039 699***	***123 950 247***	***1 094 414 188***	***1 017 029 444***
Li minnhom taħt il-marġini globali għal impenji	***619 597 837***		***2 042 402 163***		***2 662 000 000***	
Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza			***714 558 138***		***714 558 138***	
Limitu massimu	***168 797 000 000***	***172 420 000 000***			***168 797 000 000***	***172 420 000 000***
Li minnhom paċuti mal-Marġini ta' Kontinġenza	***- 252 000 000***		***- 714 558 138***		***- 966 558 138***	
Marġini	***1 348 213 216***	***20 087 973 280***			***633 655 078***	***18 681 923 527***
Strumenti speċjali oħra	**587 763 000**	**418 500 000**			**587 763 000**	**418 500 000**
Total Kumplessiv	**169 255 522 110**	**153 643 605 917**	**3 000 000 000**	**1 530 000 000**	**172 255 522 110**	**155 173 605 917**